MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 100/2002/1

**Baruni Nicholas Depiro d'Amico Inguanez, in-Nobli Elisabeth Bianchi proprio u ghan-nom tan-Nobli Madeleine O'Connell, in-Nobli Margret Bianchi proprio u ghan-nom tan-Nobli Mary Teresa sive Mary Bailey**

**-vs-**

**Kummissjarju tal-Artijiet u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2002 gew kjamati fil-kawza id-Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja u l-Kunsill Lokali tal-Marsa**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma l-unici werrieta universali ta’ missierhom, il-mejjet Baruni Jerome Depiro D’Amico Inguanez, skond testment unica carta fl-atti tan-Nutar Dottor Eugene Montanaro datat l-1 ta’ Gunju elf disa’ mija u tmenin (1.6.1989) hawn anness markat dok “A”; ricerki testamentarji hawn annessi Dok “A1”.

Illi l-atturi wirtu porzjon art maghrufa bhala “Tas-Samra” limiti tal-Malsa tal-kejl superficjali ta’ cirka erbaght elef seba’ mija u sebgha u hamsin metri kwadri (4757) jew 4.2 tumoli delineata bil-kulur ahmar fil-pjanta hawn annessa markata dok “B” formanti parti minn bicca art akbar, markata bil-kulur isfar fil-pjanta hawn anness dok B2 liema art giet trasferita lill-imsemmi missierhom permezz ta’ zewg atti ta’ divizjoni fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona datati wiehed u tletin ta’ Lulju elf disa’ mija u disgha u sittin (31.7.1969) u tnax ta’ Gunju elf disa’ mija erbgha u sebghin (1974) hekk kif deskritta fl-imsemmija atti hawn annessi markati dok “C” u “D”.

Illi l-atturi bhala l-unici werrieta tal-imsemmi missierhom il-mejjet Baruni Jerome Depiro D’Amico Inguanez dehru fuq att pubbliku fl-atti tan-Nutar Mario R Bonello fl-14 ta’ April 1999 (hawn anness dok “E”) u ghamlu dikjarazzjoni “causa mortis” dwar l-art hawn fuq imsemmija ghall-finijiet ta’ l-Att Numru zbatax tas-sena elf disa’ mija tlieta u disghin (XVII/1999) dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

Illi l-propjeta’ in kwistjoni ittiehdet u ntuzat mill-Gvern ghall-skopijiet pubblici, stante illi sar gnien pubbliku fuq din l-istess art, u dan minghajr qatt ma nharget l-ebda dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta ghall-espropjazzjoni ta’ l-istess art u ma deher avviz fil-gazzetta tal-gvern skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-skopijiet pubblici u

ma gietx segwita l-ebda procedura skond l-istess ordinanza u qatt ma sar ebda trasferiment ta' titolu a favur il-Gvern.

Illi minhabba s-suespost l-istess art ghadha sallum propjeta' esklusiva tal-mittenti u l-Gvern ghadu qed jokkupa l-fond deskritt abbuzivament u minghajr ebda titolu legali.

Illi l-atturi ihossuhom aggravati u molestati fil-pussess taghhom bhala sidien tal-fond relattiv u fid-drittijiet u libertajiet fondamentali taghhom in kwantu huma gew imcahda mill-pussess u l-uzu tal-istess art bhal sidien.

Illi s-sidien hawn fuq imsemmija tal-fond relattiv ghandhom jedd jitolbu lura l-istess fond minghand il-Gvern bhala l-pussessur tal-istess bicca art.

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi l-konvenuti baqghu inadempjenti, kopji ta' diversi ittri ufficjali hawn annessi dok "f".

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-Gvern ha pussess tal-art hawn fuq deskritta illegalment u abbuzivament minghajr ebda titolu jew dritt fil-ligi biex jaghmel dan u ghadu sallum jokkupa l-istess art illegalment u abbuzivament;

2. konsegwentement jordna lill-konvenut sabiex fiz-zmien qasir u perentorju jizgombra mill-imsemmi fond, jirrilaxxaw l-art hawn fuq imsemmija u jirrintegraw l-atturi fil-pussess tal-istess propjeta' hawn fuq deskritta;

3. tiddeciedi u tiddikjara illi in vista tas-suespost l-atturi soffrew danni;

4. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba fis-suespost;

5. tordna l-konvenuti jhallsu d-danni kif likwidati lill-atturi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali datati 1 ta’ April 1998 u 3 ta’ Mejju 1999 u 23 ta’ Lulju 2001 kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tal-Artijietipprezentata fl-1 ta’ Marzu, 2002 li permezz taghha eccepixxa;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra taghhom ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa ma ha pussess ta’ ebda art appartenti lill-atturi.

2. Illi ghaldaqstant l-konvenut ma ghandu jizgombra minn ebda art.

3. Illi di piu l-konvenut ma kkawza ebda danni lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tal-Artijiet mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz id-digriet tas-7 ta’ Novembru, 2002 li permezz tieghu gew imsejjha fil-kawza d-Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja u l-Kunsill Lokali tal-Marsa. L-imsejjha fil-kawza msemmija ma ppresentaw ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet ghalkemm debitament notifikati rispettivament fis-26 ta’ Novembru, 2003 u 5 ta’ Frar, 2004 u ghalhekk huma kontumacji skond il-ligi.

Rat in-nota tat-8 ta’ Marzu, 2006 li permezz taghha l-atturi eccetto Margaret Bianchi cedew l-atti tal-kawza billi l-proprjeta’ in kwistjoni giet trasferita kollha lill-istess Margaret Bianchi illi zammetta ferma l-pretensjonijiet taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi ll-atturi talbu li jigu moghtija lura artijiet li gew spossessati minnhom fl-1979 cirka minghajr ma gew osservati da parti tal-konvenut il-ligijiet li jirrigwardjaw l-esproprjazzjoni ta’ art privata mill-Gvern. Il-konvenut qal li hu ma ha pussess ta’ ebda art izda ma ressaqx provi.

Ghall-kuntrarju l-atturi ressqu diversi provi dokumentarji illi jipprovaw li l-art in kwistjoni hija taghhom; finalment l-attrici Margaret Bianchi saret proprjetarja unika ghaliex giet asenjata l-art permezz ta’ l-att pubblikat fit-18 ta’ Mejju 2005 u esebit a fol 130 tal-process. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-art illum hija taghha.

Ma hemmx allura kontestazzjoni li l-art giet mehuda lill-proprjetarji fl-1979. Huwa maghruf illi; “*min jokkupa jew izomm ghandu gid ta’ haddiehor bla jedd irid jaghmel tajjeb ghad-danni li jgib b’dak li jaghmel*” – <u>Markiza Agnese Gera De Petri vs DiIrettur tal-Akkomodazzjoni Socjali</u> – Prim’Awla – 27 ta’ Jannar, 2003; u <u>Helen Miceli vs Carmelo Pisani</u> – 14 ta’ Frar, 2004.

Il-Qorti ghandha biss il-problema biex tiddeciedi min fil-fatt okkupa l-art. Il-konvenut indika li l-art ittiehdet mid-Dipartiment tal-Biedja illi da parti tieghu naqas li jressaq provi – kif del resto ghamel il-kjamat fil-kawza l-iehor il-Kunsill Lokali tal-Marsa. Rigward dan ta’ l-ahhar pero’, il-Qorti se

tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tat-talba ghad-danni ghaliex ma hemmx provi lanqas *prima facie* illi l-art in kwistjoni giet mghoddija mill-Gvern lill-Kunsill u jekk dan sar l-Kunsill zgur ikun in *bona fede* u allura zgur ma ghandux ihallas danni. Jekk saret xi devoluzzjoni kellha ssir il-prova. Se tilqa’ t-talbiet fir-rigward tal-konvenut u l-kjamat fil-kawza l-iehor u dan f’ishma indaqs ghaliex b’ebda mod ma skagonaw ruhhom mit-talba attrici.

Fir-rigward tad-danni l-Qorti ghandha quddiemha biss stima tal-Perit Camilleri li gie naturalment inkarigat mill-atturi *ex parte*. Dan ikkonferma bil-gurament li l-art fiz-zmien in kwistjoni kienet tiswa cirka tlieta u sittin elf Lira Maltin (Lm63,000) u llum sebat elef Lira Maltin (Lm700,000) – u l-valur lokatizju dak iz-zmien kien cirka tlett elef u tmien mija Liri Maltin (Lm3,800) fis-sena u llum tnejn u erbghin elf Lira Maltin (Lm42,000).

Billi l-atturi qed jitolbu li jigu moghtija lura l-art, il-Qorti se takkorda danni bbazat fuq il-valur lokatizju izda dak prevalenti fl-1979 meta ttiehdet l-art. Ma hijex se takkorda imghaxijiet ghaliex l-ammont qed jigi likwidat illum u ma saritx talba gudizzjarja ghall-hlas tad-danni qabel l-ittri ufficjali li pprecedew il-kawza u li ma gewx esebiti. Ghalhekk se takkorda hlas ta’ tlett elef u tmien mija Liri Maltin (Lm3,800) fis-sena mill-1979 sa l-2006 ammontanti b’kollox ghal tmienja u disghin elf u tmien mija Liri Maltin (Lm98,800).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, tillibera lill-imsejjah fil-kawza Kunsill Lokali tal-Marsa mill-osservanza tal-gudizzju; tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici Margaret Bianchi kollha fil-konfront tal-konvenut u l-imsejjah fil-kawza Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja; ghall fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta’ tlett xhur; tillikwida d-danni mitluba ghall ammont ta’ tmienja u disghin elf u tmien mija Liri Maltin (Lm98,800) u tikkundanna lill-istess konvenut u msejjah fil-**

**kawza Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja biex ihallsu bejniethom f'ishma ndaqs dan l-ammont lill-attrici Margaret Bianchi.**

**L-ispejjes jigu mhallsa mill-konvenut u l-istess kjamat in kawza imsemmi bejnithom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------